# ALLA W ART TWELIDNA

*Werqa rand lil Dun Karm, Poeta.*

L-ewwel u l-oħla dmir li tħobb lil Alla
għax minnu d-dawl utieq li jtik il-ħajja:
Alla fi ħsiebek, mat-tektik ta' qalbek,
Alla ma' dwarek.

Tinsiex, ja bniedem, li Qawwa wisq akbar
mill-qawwa tiegħek, nisġet ward u ħdura
f'medda raba' bla tarf; u tat ħuġġieġa
ta' lwien sabiħa

lill-ġonna jidħku d-daħka tar-rebbiegħa;
xeħtet il-ħlewwa għaslija f'ħalq in-naħla,
w għallmet lill-bhejjem jaħdmu miegħek,—miegħek
fil-ħidma tqila.

Tinsiex, xħin jisbaħ, illi x-xemx li tielgħa
f'deħra tal-għaġeb bin-nirien mixgħula,
li Id imqaddsa wrietha t-triq mnejn tgħaddi
għad-dinja tagħna,

sabiex tkebbes id-dawl, u tferragħ l-hena
fid-djar, fuq wileġ, kullimkien, fil-beraħ;
sabiex tfarraġ il-qlub, u tnessi d-diqa
wid-dlam tal-ħajja.

Int taf l'hemm Alla: tħoss, ħanina, Kelmtu
nieżla ġo ruħek meta mbikki w kiebi,
bħall-ilma bnin li jaħsel ġerħa u jtaffi
il-ħruq tal-weġgħa.

Hemm Alla: ssibu meta fuq is-sodda
bl-uġigħ titkagħweġ; u fid-djar li jibku
fil-faqar u fil-ġuħ issibu jhenni
il-qlub imnikkta.

Meta jirbħek id-dnub, u s-saħta tiegħu
  tħossha rabbiet egħruq ħoxnin ma' demmek,
  ftakar: hemm Alla. Hobb, u f'sidrek jinżel
      il-ġmiel tal-maħfra.

L-ewwel u l-oħla dmir li tħobb lil Alla
  għax Minnu d-dawl utieq li jtik il-ħajja;
  Alla fi ħsiebek, mat-tektik ta' qalbek,
      Alla ma' dwarek.

Dmir ieħor għandek, kbir daqs kemm imbierek,
  l-għożża lejn l-Art li minnha ħadt twelidek.
  Aħdem b'qalb riedja għall-ġieħ tagħha u tiegħek,
      żomm għoli ġieħha,

il-ġieħ li kisbu b'demmhom nies qalbiena,
  li bħalek kienu wlied din l-art ta' ħdura;
  fil-għawġ, fil-ħsara qatt tisħet ix-xorti
      li int bin Malta.

Is-swar li jdawru dil-gżira ta' dija
  li hija ommok, jixhdu l-qedem tagħha:
  waqgħu saltniet, inqerdu ġnus bil-kotra,
      'ma ġensek baqa'

bla ntiefes f'dinu, w fid-drawwiet qadima,
  għalkemm taż-żmien għaddew ħalel qalila;
  tal-Għarbi mqit u tal-Mislem ħajjieni
      tfarrket il-qawwa.

Il-lum fuq Artna reġa' s-sħab tal-gwerra
  qalil, tal-biża', jarmi mewt u ħerba;
  imm'għad jinżel l-għadu għarkubtejh jitmiegħek
      jittallab: Paċi !

Oh fehma tal-azzar li ħriġt rebbieħa
  mal-medda ta' kull żmien, ixgħel ġo ruħna
  w ixħet id-dawl tar-rebħiet kbar li ħasslu
      misserijietna !

Ġużè Chetcuti